MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Numru. 199/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**Vs**

**Oglive Grima ta' 16 il-sena bin Anthony u Anna nee` Borg, imwieled Pieta fis-26 ta' Marzu 1991 u joqghod Unit 1, Block 8, Qasam tal-Bini Rinella, Kalkara, I.D. 207891M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oglive Grima u cioe` talli fil-lejl ta' bejn il-15 u is-16 ta' Jannar, 2007, f'Wied Garnaw, Santa Lucia, ikkommetta serq ta' oggetti ghad-detriment ta' Carmelo DAlli, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, mezz u bil-valur liema valur hwa ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000.

Talli ukoll, fl-istess data u fil-granet ta' wara f'dawn il-gzejjer, xejntament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misurq, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-8 ta' Awissu 2006 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni ta'l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti  sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-eta tenera tieghu u l-fatt li ikkollabora bis-shih mal-pulizija u rritorna r-rifurtiva.

Il-Qorti ma dana kollu ma tistax tinjora l-fatt illi l-iumputat kiser il-probation order imposta fuqu fis-sentenza esebita bhala dokument OG2 u thoss illi l-imputat ghad ghandu bzonn l-assistenza sabiex huwa ma jaqbadx it-triq tad-delinkwenza.

Illi dwar it-tieni akkuza tar-ricettazzzjoni jidher illi dina nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel wahda u kwindi l-imputat qed jigi liberat minnha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 261(f)(b)(c), 278 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibra lill-imputat mit-tieni imputazzjoni issibu hati ta' l-ewwel akkuza, kif ukoll illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu fis-

sentenza ta’ dina l-Qorti kif diversament preseduta tas-7 ta’ April, 2006, u ghalhekk tikkundannah ghal sittax (16) il-xahar prigunerija, li fid-dawl ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qeghad wkoll tqieghed lil hati taht ordni ta’ supervizjoni u dana ukoll ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza jew jekk huwa jonoqs mill-jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------